MALTA

# QORTI KOSTITUZZJONALI

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH D. CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH A. FILLETTI**

Seduta tas-16 ta' Frar, 2004

Appell Civili Numru. 18/2003/1

**Joseph sive Giuzeppi Schembri**

**vs**

**Registratur tal-Qorti Superjuri, l-Avukat Generali,**
**Joyce u Joseph konjugi Schembri**

**Il-Qorti;**

**<u>Preliminari</u>**

1. Dan hu appell minn sentenza moghtija mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fil-15 ta' Lulju, 2003 li permezz taghha dik il-Qorti ddeklinat milli tezercita s-setghat taghha skond l-Artikolu 46(2) tal-Kostituzzjoni peress li, skond dik is-sentenza, kienu "jezistu mezzi xierqa ohra ta' rimedju ghall-ksur allegat" mir-rikorrent.

2. Brevement il-fatti kienu s-segwenti: iben ir-rikorrent (l-appellant odjern) li jismu wkoll Joseph – hawn aktar 'l quddiem ser jigi indikat bhala Joseph *Jnr* – huwa separat minn ma' martu Joyce. Is-separazzjoni kienet wahda konsenswali, u fil-kuntratt ta' separazzjoni kien gie miftiehem li l-kura u l-kustodja tal-minuri Sarah u Ryan jigu fdati f'idejn l-imsemmija Joyce, b'access liberu ta' missierhom (Joseph *Jnr*) ghall-istess minuri. B'digriet sussegwenti tas-Sekond Awla tal-Qorti Civili, dana l-access tieghu gie f'certu sens ridimensjonat ghal granet u hinijiet partikolari.

3. B'citazzjoni ppresentata fil-Prim Awla tal-Qorti Civili fis-26 ta' Marzu, 2002 Joseph *Jnr.* talab, ghar-ragunijiet migjuba fl-istess citazzjoni, li l-kura u l-kustodja tal-minuri imsemmija aktar 'l fuq tigi fdata lilu (b'access ta' l-omm ghalihom skond kif jigi stabbilit mill-Qorti) jew, alternattivament u bla pregudizzju, li l-access tieghu jigi varjat u estiz.

4. Fil-kors ta' din il-kawza quddiem il-Prim Awla – kawza, mela, bejn Joseph Schembri *Jnr* u martu Joyce – waqt jew wara li kienet qed tixhed *social worker* li kienet giet imqabbda mill-istess Qorti biex testendi rapport dwar is-sitwazzjoni tal-minuri – dik il-Qorti tat digriet li permezz tieghu ipprojbit ***"lin-nannu patern[1] milli jipprova b'xi mod jikkomunika mat-tifel [Ryan]"***. Dan id-digriet inghata fil-5 ta' Dicembru, 2002 (ara fol. 35 tal-atti). Fi kliem ir-rikorrent fir-rikors promotur tieghu:
"Illi matul s-seduta tal-5 ta' Dicembru 2002 fil-kawza Joseph Schembri vs Joyce Schembri li ghaliha saret referenza aktar 'il fuq, l-Onorabbli Prim'Awla tal-Qorti Civili tat digriet li jolqot direttament lir-rikorrent billi pprojbixxiet

[1] Joseph sive Guzeppi Schembri, il-promotur tal-kawza kostituzzjonali.

lir-rikorrent, bhala n-nannu patern tat-tifel Ryan Schembri, milli b'xi mod jipprova jikkomunika mat-tifel;

Illi r-rikorrenti m'huwiex parti mill-fuq imsemmija proceduri u fil-hin li inghata d-digriet la kien rapprezentat minn difensur legali u lanqas inghata l-opportunita` li jikkontesta l-posizzjoni li hadet il-Qorti billi lanqas biss setgha jiddefendi l-posizzjoni u d-drittijiet tieghu;

Illi dan id-digriet lanqas gie formalment notifikat lir-rikorrenti izda gie kkomunikat lilu fl-Awla fejn hu kien prezenti u anke f'dan l-istadju huwa ma kellu l-ebda fakulta` li jikkontesta l-legalita tal-proceduri mehuda fil-konfront tieghu;

Illi d-digriet tal-5 ta' Dicembru 2002 moghti mill-Prim`Awla tal-Qorti Civili fil-kawza fl-ismijiet Joseph Schembri vs Joyce Schembri jikkostitwixxi ksur tad-dritt fondamentali tar-rikorrent ghal smiegh xieraq u imparzjali kif protett mill-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u mill-Artikolu 6 (1) tal-Konvenzjoni Ewropea ghall-Protezzjoni tad-Drittijiet u Libertajiet Fondamentali u dan ghar-ragunijiet fuq imsemmija;

Illi b'konsegwenza tal-fuq imsemmi digriet ir-rikorrent qieghed jigi mcahhad milli jara lin-neputi tieghu Ryan u b'hekk qieghed jigi negat lilu d-dritt li jgawdi l-hajja tal-familja tieghu. Illi ma hemm l-ebda raguni valida li tiggustifika l-allontanament totali tan-nannu patern, ir-rikorrent, minn neputi tieghu Ryan kif ser jigi pruvat tul is-smiegh tal-kawza. Dan ifisser illi m'hemm l-ebda gustifikazzjoni l-ghala l-Onorabbli Prim'Awla tal-Qorti Civili kellha tindahal fl-ezercizzju mir-rikorrent tad-dritt tieghu li jara lin-neputi tieghu u dan bhala parti mid-dritt li jgawdi l-familja tieghu;

Illi ghaldaqstant il-fuq imsemmi digriet jikkostitwixxi wkoll ksur tad-dritt fondamentali tar-rikorrent ghar-rispett tal-hajja tal-familja tieghu kif protett mill-Artikolu 8(1) tal-Konvenzjoni Ewropea ghall-Protezzjoni tad-Drittijiet u Libertajiet Fondamentali;”

5. Jidher li in segwitu ghal dan id-digriet tal-5 ta' Dicembru, 2002, l-attur Joseph Scembri *Jnr* ippresenta rikors (fis-16 ta' Dicembru, 2002) li permezz tieghu talab li dik il-Qorti "tirrevoka l-ordni moghtija fis-seduta tal-5 ta' Dicembru, 2002 in kwantu li dan jipprevjeni lill missieru[2] milli jkollu kuntatti ghal [recte: ma'] Ryan u dana bl-urgenza stante anke iz-zminijiet Natalizji". Dik il-Qorti, wara li tat l-opportunita` lil Joyce Schembri li twiegeb bil-miktub, b'digriet datat 20 ta' Dicembru, 2002 cahdet it-talba.

6. Ir-rikorrent jikkontendi li kien hemm digriet iehor tal-Prim Awla tal-Qorti Civili, datat 28 ta' April, 2003, li bih dik il-Qorti kkonfermat id-digriet taghha tal-5 ta' Dicembru, 2002 (ara kopja Dok. B, fol. 30 ta' l-atti). Effettivament din il-Qorti, wara li ezaminat l-atti tal-kawza ***Joseph Schembri v. Joyce Schembri*** (Citaz. 355/02 RCP) sabet li veru hemm dan id-digriet tat-28 ta' April, 2003, izda ma huwa xejn car, mill-atti ta' dik il-kawza, in segwitu ghal liema rikors inghata dan id-digriet.

7. L-intimati Registratur tal-Qorti u Avukat Generali eccepew preliminarjament, quddiem il-Prim Awla li allura giet adita biex tisma' r-rikors kostituzzjonali, li r-rikorrent kellu mezzi xierqa ta' rimedju taht il-ligi ordinarja "biex jigi attakkat (b'citazzjoni appozita) d-digriet li minnu jilmenta r-rikorrent". Ma din l-eccezzjoni preliminari aderit, fl-udjenza tal-25 ta' Gunju, 2003, l-intimata Joyce Schembri (ara l-verbal a fol 8 ta' l-atti). F'din l-udjenza tal-25 ta' Gunju, 2003 il-kawza thalliet ghat-trattazzjoni finali fuq l-imsemmija l-ewwel eccezzjoni ghat-8 ta' Lulju, 2003. Fit-8 ta' Lulju, 2003 l-eccezzjoni giet trattata, u l-kawza thalliet ghas-sentenza ghall-15 ta' Lulju, 2003.

## Is-sentenza appellata

[2] Ir-rikorrent u appellant odjern, cioe` Joseph sive Guzeppi Schembri.

8. Bis-sentenza taghha tal-15 ta' Lulju, 2003 l-ewwel Qorti laqghet l-eccezzjoni preliminari tar-Registratur tal-Qorti, tal-Avukat Generali u ta' Joyce Schembri billi qalet hekk: "Wara li ezaminat dan kollu l-Qorti hi tal-fehma li kienu jezistu proceduri ohra adegwati mhux quddiem il-Qorti Kostituzzjonali u ghalhekk fic-cirkostanzi tal-kaz ghandha tirrifjuta, kif fil-fatt qeghdha taghmel, li tezercita s-setghat taghha skond l-Artikolu 46 (2) tal-Kostituzzjoni minhabba li jezistu mezzi xierqa ohra ta' rimedju ghall-ksur allega u ghalhekk tilqa' l-ewwel eccezzjoni tal-Avukat Generali."

u dan wara li kkunsidrat, *inter alia*, is-segwenti:

"Illi r-rikorrent qieghed jitlob li din il-Qorti tiddikjara li hemm ksur fid-drittijiet fondamentali ghal smiegh xieraq u imparzjali fil-konfront tieghu kif protett mill-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u 6(1) tal-Konvenzjoni Ewropeja u li hemm ukoll ksur fid-dritt fondamentali ghar-rispett tal-hajja tal-familja kif protett mill-Artikolu 8(1) u jigi dikjarat null u bla effett id-digriet moghti mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fil-kawza fl-ismijiet Joseph Schembri vs Joyce Schembri (citazz. Nru. 355/02) tal-5 ta' Dicembru 2002. Izda l-intimati jsostnu li l-Qorti ghandha tapplika l-Artikolu 46(2) minhabba l-ezistenza ta' mezz xieraq ta' rimedju taht il-ligi ordinarja u ghalhekk ghandha tiddeklina milli tezercita l-mansjonijiet taghha oltre li gie sostnut il ma gie trasgress ebda dritt tar-rikorrent.

Fil-fatt fil-kors tal-proceduri bejn Joseph Schembri u Joyce Schembri l-Prim Awla tal-Qorti Civili tat digriet direttament fil-konfront tar-rikorrent li jahbat missier Joseph Schembri biex l-istess rikorrent ma jikkomunikax ma' Ryan Schembri li r-rikorrent huwa nannuh. L-intimati sostnew li kien jinkombi fuq ir-rikorrent li jistitwixxi proceduri legali ohra minn dawk odjerni fis-sens li l-istess digriet seta' gie revokat jew modifikat contrario imperio mill-Qorti li kienet qed tippresjedi din il-kawza. L-intimati fil-kors tat-trattazzjoni semmew il-possibilita` tal-intervent fil-kawza tar-rikorrent biex b'hekk ikun jista' jattakka l-imsemmi digriet. Semmew ukoll ir-rimedju tal-appell mid-digreit.

Izda aktar u aktar l-intimati jsostnu li tali digriet seta' gie attakkat permezz ta' citazzjoni apposita anke semmai trattata b'urgenza u ma kienx necessarju li wiehed jitlob li juza l-proceduri ta' natura Kostituzzjonali. L-Avukat Generali jsemmi wkoll li f'dawn l-ahhar proceduri anqas biss kien ikun hemm il-bzonn tal-prezenza tieghu f'dawn l-atti u li citazzjoni apposita maghmula b'urgenza setghet twassal ghal decizjoni spedita u li tittratta l-kwistjoni b'mod xieraq."

9. L-ewwel Onorabbli Qorti, fis-sentenza taghha, iccitat ukoll minn diversi sentenzi li, bazikament, jghidu li meta l-Prim Awla tal-Qorti Civili (jew, addirittura, anke l-Qorti Kostituzzjonali fi stadju ta' appell) tkun sodisfatta li r-rikorrent kellu mezzi xierqa ohra ta' rimedju ghall-ksur allegat, dik il-Qorti tista, jekk tqis li jkun desiderabbli li taghmel hekk, li tirrifjuta li tezercita s-setghat taghha taht is-subartikolu (2) tal-Artikolu 46 tal-Kostituzzjoni jew taht is-subartikolu (2) ta' l-Artikolu 4 tal-Kap. 319.

**<u>L-appell ta' Joseph sive Guzeppi Schembri</u>**

10. Ir-rikorrent appellant jikkontendi bazikament li, kuntrarjament ghal dak deciz mill-ewwel Onorabbli Qorti, huwa ma kellux mezz xieraq ta' rimedju ghall-ksur allegat; bil-konsegwenza li kienet zbaljata l-ewwel Qorti li tiddeklina milli tezercita s-setghet taghha taht l-Artikolu 46(2) tal-Kostituzzjoni u l-Artikolu 4(2) tal-Kap. 319. Huwa ghalhekk talab lil din il-Qorti sabiex tirrevoka s-sentenza appellata u minflok tilqa' t-talbiet tieghu bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-intimati. Ta' min ifakkar hawn li t-talbiet tieghu kienu s-segwenti:

"1. Tiddikjara li kien hemm ksur tad-dritt fondamentali ghal smiegh xieraq u imparzjali fil-konfront tar-rikorrent kif protett mill-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u mill-Artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni Ewropea ghall-Protezzjoni tad-Drittijiet u Libertajiet Fondamentali;
2. Tiddikjara li kien hemm ksur tad-dritt fondamentali ghar-rispett tal-hajja tal-familja tieghu kif protett mill-

Artikolu 8(1) tal-Konvenzjoni Ewropea ghall-Protezzjoni tad-Drittijiet u Libertajiet Fondamentali;
3. Tiddikjara bhala null u bla effett id-digriet tal-5 ta' Dicembru 2002 moghti mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fil-kawza fl-ismijiet Jospeh Schembri vs Joyce Schembri (Citazz. Nru: 355/2002);
4. Tordna li jinghataw dawk ir-rimedji li jidhrilha xieraq fic-cirkostanzi."

## Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti

11. L-appellant qed jikkontendi li, bid-digriet taghha tal-5 ta' Dicembru, 2002 fil-kawza fl-ismijiet ***Joseph Schembri v. Joyce Schembri*** (Citaz. 355/02 RCP) il-Qorti li tat dak id-digriet kisret zewg drittijiet fondamentali tieghu: id-dritt ta' "smigh xieraq u imparzjali" kif protett bl-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u bl-Arikolu 6(1) tal-Konvenzjoni Ewropea, kif ukoll id-dritt "ghar-rispett tal-hajja tal-familja tieghu" kif protett bl-Artikolu 8(1) ta' l-imsemmija Konvenzjoni. Issa, filwaqt li din il-Qorti tista' tifhem li r-rikorrent kellu mezz xieraq ta' rimedju ghal dak li jirrigwarda l-allegat ksur ta' l-Artikolu 8(1) tal-Konvenzjoni – huwa dejjem seta' jipprocedi permezz ta' citazzjoni biex jimpunja d-digriet tal-5 ta' Dicembru, 2002 in kwantu l-istess digriet jikkoncerna lilu, ossia peress li dak id-digriet jimponi restrizzjoni fuqu (cioe` fuq ir-rikorrent appellant odjern) fir-rigward tar-relazzjonijiet tieghu ma' persuna ohra – din il-Qorti difficilment tista' tifhem x'rimedju xieraq huwa seta kellu ghall-allegat ksur ta' l-Artikolu 39 u 6(1) tal-Kostituzzjoni u tal-Konvenzjoni rispettivament. Jekk dak li qed jallega r-rikorrent huwa li bid-digriet stess tal-5 ta' Dicembru, 2002 gie lez id-dritt tieghu ta' smigh xieraq – u din il-Qorti tifhem li proprju din hija l-allegazzjoni – billi jaghmel citazzjoni jew rikors biex dak id-digriet jigi revokat, il-vjolazzjoni tkun diga saret u ma tistax tigi rimedjata. Il-posizzjoni ta' l-appellant odjern (li, ghandu jigi precizat, ma kienx parti fil-kawza *Joseph Schembri v. Joyce Schembri*) hija ferm differenti minn dik tal-partijiet f'kawza fejn il-kwistjoni tas-smigh xieraq tigi valutata fil-kumpless tas-smigh kollu li jkun sar matul il-proceduri, inkluzi l-proceduri fi stadju ta'

appell; b'mod ghalhekk, ukoll, li meta parti f'kawza jkun jidhrilha li ma inghatatx smigh xieraq mill-Qorti ta' l-ewwel istanza, jekk ikun hemm dritt ta' appell, hija ghandha tirrikorri ghal dak id-dritt ta' appell proprju biex in-nuqqas ta' smigh xieraq jigi rimedjat. Il-posizzjoni tal-appellant odjern fir-rigward tad-digriet tal-5 ta' Dicembru, 2002 hija simili ghal dik ta' persuna li ma hija b'ebda mod involuta f'kawza bejn zewg litiganti, izda li f'daqqa wahda u minghajr ma tkun giet kjamata fil-kawza, issib ruhha b'xi mod "ikkundannata" taghnel jew ma taghmilx xi haga. Veru li l-appellant odjern seta' talab li jintervjeni *in statu et terminis* fil-kawza bejn ibnu u l-mara ta' ibnu; izda biex tali talba jkollha ezitu favorevoli huwa kien ikollu jipprova li ghandu interess guridiku fl-ezitu tal-vertenza bejn ibnu u mart ibnu, u mhux semplicement interess fir-rigward ta' provvediment partikolari fejn huwa ssemma'. Fi kliem iehor, din il-Qorti difficilment tara kif il-Qorti li kienet qed tisma' l-kawza ta' ibnu u ta' mart ibnu dwar il-kura, kustodja u access tal-genituri ghat-tfal setghet tikkonkludi li n-nannu patern kellu interess guridiku li jintervjeni *in statu et terminis* (Alla hares f'kawzi bhal dik bejn Joseph Schembri *Jnr* u Joyce Schembri jibdew jintervjenu in-nanniet u z-zijiet u r-razza u r-radika kollha!!).

12. Ghalhekk, fic-cirkostanzi partikolari ta' dan il-kaz, din il-Qorti hi tal-fehma li ghandha tiddisturba d-diskrezzjoni wzata mill-ewwel Onorabbli Qorti li biha ddeklinat li tezercita s-setghat taghha skond l-Artikoli 46(2) u 4(2) tal-Kostituzzjoni u tal-Kap. 319 rispettivament, pero` dan limitatament ghall-allegazzjoni ta' vjolazzjoni tad-dritt "ghal smigh xieraq u imparzjali". Din il-Qorti taghmilha cara li b'dan il-gudikat hija mhix qed tghid b'ebda mod li kien hemm jew li ma kienx hemm vjolazzjoni ta' dana d-dritt – dan huwa xi haga li jrid jigi stabbilit fl-ewwel lok mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fil-kompetenza kostituzzjonali taghha.

13. Ghall-motivi premessi, din il-Qorti tirriforma s-sentenza appellata billi, filwaqt li tikkonfermaha f'dik il-parti fejn l-ewwel Qorti rrifjutat li tezercita s-setghat taghha riferibbilment ghall-allegazzjoni ta' vjolazzjoni ta' l-Artikolu 8(1) tal-Konvenzjoni Ewropea, thassarha u tirrevokaha fil-bqija, cioe` f'dik il-parti fejn iddecidiet li tirrifjuta li tezercita

l-imsemmija setghat riferibbilment ghall-allegazzjoni ta’ ksur tal-Artikoli 39 u 6(1) tal-Kostituzzjoni u tal-Konvenzjoni Ewropea rispettivament, kif ukoll ghal dak li jirrigwarda l-kap ta’ l-ispejjez, u konsegwentement tordna li l-atti jigu rinvjati lura lill-Prim Awla tal-Qorti Civili sabiex din tiddeciedi fuq il-meritu ta’ l-allegazzjonijiet ta’ ksur ta’ l-imsemmija zewg artikoli (39 tal-Kostituzzjoni u 6(1) tal-Konvenzjoni Ewropea) skond il-ligi. L-ispejjez kemm ta’ l-ewwel istanza kif ukoll ta’ dana l-appell ghandhom, fic-cirkostanzi, jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.

Din il-Qorti ma tistax ma tesprimix obiter il-preokkupazzjoni taghha li kwalunkwe dewmien, li ma jkunx gustifikat, fir-risoluzzjoni tal-kwistjoni dwar jekk in-nannu patern ghandux ikollu kuntatt mal-minuri Ryan tista’ eventwalment tkun ta’ hsara ghall-istess minuri. Ghalhekk tissollecita lill-partijiet li jikkooperaw bis-shih mal-Qorti tal-Prim Istanza li qed tisma’ il-kawza bejn il-konjugi Schembri fl-interess tal-imsemmi minuri.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------